KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

**Ref: Seduta 16_17/03/10 VI**

## MINUTI TAS-SITTAX- IL SEDUTA

**Is-sittax-il seduta** tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet l-Erbgħa **17 ta' Marzu, 2010** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Nikki Dimech (attenda l-laqgħa fis-18.18p.m.)** |
| **Viċi-Sindku:** | **Johanna Gonzi** |
| **Kunsilliera:** | **Martin Debono**<br>**Yves Bobby Cali**<br>**Edward Cuschieri**<br>**Julian Galea (attenda l-laqgħa fis-18.30p.m.)**<br>**Sandra Camilleri**<br>**Cyrus Engerer**<br>**Nicolai Gauci**<br>**Patrick Pace** |
| **Dep. Seg. Eżekuttiv:** | **Althea Borg** |
| **Skużat:** | **Marianne Aquilina** |

Is-seduta bdiet fil-5.45pm ta' fil-għaxija b'din l-aġenda

1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 15_17/02/10VI
2. Materji konnessi mal-minuti
3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Deputat Segretarju Eżekuttiv
4. Mistoqsijiet mill-kunsilliera
5. Approvazzjoni tal-pagamenti
6. Proposta ta' emendi rigward L.C.B.L./59/2010
7. Sitwazzjoni rigward proġetti mill-fondi ta' EU
8. Affarijiet Oħra
9. Deċizjoni dwar id-data tas-seduta tal-kunsill li jmiss

### 1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 15_17/02/10VI



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 04 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

1.1 Il-Kunsilliera Sandra Camilleri rresqet quddiem il-Kunsill sabiex tiġi emendeta s-sentenza f'punt numru 4.6 fejn minnflok il-kliem resqet tiġi emendata għall-staqsiet x'ġara rigward il-każ tal-parker u jekk irċevejniex tweġiba. Il-Viċi-Sindku Johanna Gonzi ipproponiet li jiġu approvati l-minuti tas-seduta 15_17/02/10VI, filwaqt li l-kunsillier B. Cali ssekondah. Il-kunsilliera M. Debono, S.Camilleri, C.Engerer, P.Pace, E. Cushcieri, N. Gauci, ivvotaw favur. Il-minuti ġew approvati.

## 2. Materji konnessi mal-minuti

Ma kien hemm xejn rigward materji konnessi mal-minuti.

Peress li s-Sindku ma kienx għadu preżenti għas-seduta il-laqgħa ġiet sospiża u ġie deċiż illi jiġu diskussi punt numru 4 fl-agenda iġifieri mistoqsijiet mill-kunsilliera u wara jiġu diskussi korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-sindku/deputat segretarju eżekuttiv.

## 4. Mistoqsijiet mill-kunsilliera

4.1 Il-Kunsillier M. Debono ressaq talba sabiex jsiru *double yellow lines* fi Triq Għar il-Lembi eżatt quddiem l-entratura tal-*club* li jinsab ġewwa din it-triq. Ir-raġuni hi għaliex karozzi qed jipparkjaw quddiem l-aċċess minn fejn joħorġu n-nies u għalhekk kien hemm bżonn li jsiru minnħabba sigurta' tan-nies. Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

4.2 Ġiet diskussa l-*performance tal-contracts manager* peress li dan kien għadu taħt perjodu ta'prova u daqt kien ser jiskadi dan il-perjodu fl-aħħar ta' Marzu, 2010. Il-maġġoranza tal-kunsilliera barra persuna waħda qalu li ma kienux sodisfatti bix-xogħol li kien qed iwettaq u għalhekk ġie deċiż li nagħtu sitt xhur prova lill-persuna l-oħra li kienet applikat ukoll għal din is-sejħa u dan skond id-deċiżjoni li ttieħdet fil-laqgħa ta' 7 ta' Settembru, 2009 Seduta 07Ad Hoc _ 07/09/09 VI fejn intqal li l-kuntratt ser jingħata b'sitt xhur probation u jekk is-servizz ma jingħtax skont l-ispecifications tat-tender awtomatikament ma jiġġedditx u jingħata llis-Sur Philip Chircop. Jekk il-Kunsill ma jkunx sodisfatt bil-*performance* tal-persuna li ser isejħu jew jekk il-persuna mmsejħa tkun sabet xogħol ieħor toħroġ sejħa għal dan ix-xogħol.

4.3 Il-Kunsillier C.Engerer ressaq ukoll talba sabiex l-MTA tagħtina programm ta' xogħolijiet li qegħdin iwettqu fil-kosta li l-fondi qegħdin miksuba mill-EU.

4.4 Il-Kunsillier E. Cuschieri spejga kif ic-*Chairman* ta'Lions Club xtraw apparat lill l-Sptar Mater Dei rigward pazjenti li jbatu bi *glaucoma*. Spejga ukoll kif l-anzjani ta' Tas-Sliema jistghu jaghmlu benefiċċju minn dan l-apparat. Il-Kunsilliera kollha preżenti talbu lis-Sur Cuschieri sabiex iġib aktar dettalji u informazzjoni.

4.5 Il-Kunsillier C. Engerer għamel proposta sabiex terġa issir parking bay ġewwa Triq San Pietru kif kienet qabel ma sar t-tarmak, kif ukoll l-parkeġġ tal-mutur jitressaq għal ġenb tat-triq. Il-kunsilliera qablu b'mod unanimu.

Il-Kunsillier N.Gauci telaq fis-18.13p.m.

4.6 Il-Kunsillier C.Engerer ressaq proposta sabiex meta jkun hemm *meetings* bejn il-Kunsilliera fejn hu jkun msejjaħ sabiex jattendi fejn jidħol xogħol li jikkonċerna lilu jibdew jsiru wara l-ħamsa ta'filgħaxija. Dan għaliex hu ma jkunx jistgħa jitlaq minn

fuq ix-xogħol. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma dan.

Is-Sindku daħal għal-laqgħa fis-18.18p.m.

**3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-sindku/deputat segretarju eżekuttiv**

3.1 Is-sindku ressaq talba sabiex jinbidlu t-Tabelli Merħba għaliex ġa kien hemm tnejn neqsin. Għalhekk il-Kunsillier B. Cali wera proposta ta' disinn. Is-Sindku qal li naraw jekk hemmx xi kuntratti ma' l-HSBC mad-dipartiment tal-Gvern Lokali u wara li tajjeb li wieħed jara jekk hemmx xi kuntratti li l-HSBC għamlu mal-Kunsilli kollha dawn it-Tabelli Merħba moderni. Informa lill-kunsilliera li l-Banif Bank ġa ppropona sabiex jieħu ħsieb dawn it-tabelli kif ukoll jagħti screen informattiv ix-Xatt ta' Sliema sabiex jintwera x-xogħolijiet li jkun qed jagħmel il-Kunsill kif ukoll jagħmel ir-riklami tal-Bank bi prezz ta' € 1500 kull tlett xhur. B'hekk il-Kunsill ikun qed jibbenifika minn dħul kif stabbilit fil-Bye-Law riklami fuq għamara tat-Toroq kif ukoll juri l-poplu bil-progressi li qed jagħmel il-Kunsill. Pero' l-ewwel bank li trid jsirlu din it-tip ta'proposta dejjem jekk ma' nsibux xi kuntratti huwa l-bank li preżentament qed jieħu ħsieb dawn it-tabelli. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu.

Il-Kunsillier J. Galea daħal għas-seduta fis-18.30p.m.

3.2 Is-Sindku N. Dimech informa lill-Kunsilliera li hemm opportunita sabiex il-Kunsilliera jibdew ikun preżenti fuq xandira life fuq programm televiżiv għal-tletin minuta darba fil-ġimgħa bejn id-9.30am u 10.00am u jistgħu jmorru tnejn fuq il-programm flimkien jiddiskutu d-dekasteri u dimirijiet tagħhom lejn il-Kunsill kif ukoll ix-xogħol li qed jitwettaq fil-lokalita'. Il-pakkett jinkludi 30 programm life kif ukoll tqassim ta' 8000 fuljett informattiv lir-residenti fix-xahar għal sena sħiħa fejn il-Kunsilliera jkunu jistgħu jippubblikaw l-artikli tagħhom. Il-programm ser jitratta biss u esklussivitament fuq ta' Sliema kif ukoll dan il-fuljett bi prezz ta €1000 fix-xahar. Il-Kunsilliera kollha qablu b'mod unanimu għax huma mezz ferm aktar effettiv sabiex juru x-xogħolijiet tal-Kunsill.

3.3 Is-Sindku spjega lill-Kunsilliera preżenti li l-Kuntratt mal-Green MT kien għadu ma' ġiex iffirmat għaliex fil-kuntratt li ppropona l-Green MT kien hemm diskrepanzi u għandhom isiru dawn l-emendi:

a) Il-Kunsill għandu jiddeċiedi minn ser jkun il-kollettur tal-ġbir ta' skart.

b) Il-kampanja edukattiva għandha tkun fuq perjodu ta' sitt xhur u mhux sentejn

c) L-ewwel żewġ edizzjonijiet ta' magazine għandu jħallashom il-Green MT kif kien ġa miftiehem minnħabba l-kampajna edukattiva.

Qabel ma issir dawn l-emendi fil-kuntratt ma jsir qebda iffirmar. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu b'mod unanimu.

3.4 Is-Sindku N. Dimech spejga kif hemm bżonn li jinħatar espert rigward il-process ta' tender tal-ġbir ta' l-iskart domestiku. Il-Kunsill qabel b' mod unanimu li jinħatar l-avukat tal-kunsill.

3.5 Is-Sindku N. Dimech ressaq pjanta mill-Kunsillier M. Debono rigward ir-refurbishment tal-Kunsill. Il-Kunsillier kollha qablu b'mod unanimu kif kien ser jiġi l-Kunsill u ser toħrog seħja għall-offerti rigward dan il-progett.

3.6 Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera preżenti rigward il-permess tal-proġett propost ta' Townsquare għaliex minn 32 sular ġie modefikat għal 23 sular. Kif ukoll hemm persentaġġ ikbar ta' *open spaces* mill-bini. Spjazju apert ta' seba' sulari fit-Torri kif ukoll ġie konformi ma l-għoli tal-bini l-ieħor u mhux ser jiżdied aktar dell fuq il-kosta.

3.7 Is-Sindku N. Dimech informa lill-Kunsill li s-sejħa għall-offerti rigward il-pubblikazzjoni tal-magazine tingħata lill-Veritas. Rigward is-sejħa għall-offerti għall-perit ser tiġi diskussa fl-laqgħa oħra apposta biex titratta dan is-suġġett biss.

3.8 Id-Deputat Segretarju informa lill-Kunsill li kien hemm problema hekk kif kien ikkonfermat mill-WSC rigward id-*drainage house connections* fi Triq San Vinċenz. Ġiet infurmata li kien hemm bżonn li jinbidel l-mejn ta'l-ilma kif ukoll isir dual mejn fuq il-bankini. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu sabiex issir xogħol ta' bankini u tarmak f'din it-Triq.

3.9 Il-Kunsilliera S. Camilleri ressqet proposta sabiex jiġu evitati aktar inċidenti tat-traffiku ġewwa Triq Hughes Hallet, sabiex il-parti d-dejqa ta' fuq li tiġi ma' Triq Tigne issir one way. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu sabiex ngħaddu l-proposta lill-TM

3.10 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-car park li qed jinbena ġdid ġewwa QSS ġie delegat lill-Kunsill. Ghalhekk is-Sindku ippropona illi t-tariffi tal-parkeġġ jmorru dritt għall-manutenzjoni tal-bandli u tal-ġnien. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu b'mod unanimu ma' din id-deċizzjoni. Kien hemm bżonn li jitweħħlu web cams sabiex jiġu moniterjati spazji pubbliċi sabiex innaqqsu l-vandaliżmu. Rigward dan il-kunċett, il-Kunsillier J. Galea flimkien mal-Kunsillier C. Engerer infurmaw il-Kunsill li hemm *co-financing* mill-EU għaliex jekk tkun qed tippromovi il-lokalita' tiegħek ma' l-EU permezz ta web-site dan jistgħa jiġi konfinanzjat. Ser isiru aktar diskussjonijiet ma' L-Outlook rigward dan.

3.11 Tressqet talba minn għand is-Sur Andrew Cefai sabiex jitneħħew sitt parkeġġi sabiex ikunu jistgħu isiru xogħolijiet fir-residenza tiegħu ġewwa Triq Stella Maris. Il-Kunsill ma qabilx ma' din it-talba u talbu sabiex tingħata raġuni valida u x'tip ta xogħolijiet ser jsiru.

3.12 Tressqet talba mingħand Dr. Charmaine Gauci sabiex jibdew aeorbics fil-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta.

3.13 Tressqet proposta sabiex il-Kunsilli Lokali jorganizzaw avveniment rigward Jum is-Saħħa. Dan il-Kunsill kien ġa ppjana li jagħmel kunċert klassiku għal-Għid kif ukoll taħbat eżatt mal-Jum Dinji tas-Saħħa.

3.14 Ġie deċiż b' mod unanimu li jiġu organizzati l-Asian Festival, Octoberfest kif ukoll Festa Sajf.

3.15 il-Kunsillier J. Galea ressaq li proposta sabiex isiru fitness sessions is-Salezjani b'ammont ta' €70 inkuz l-instructor u l-post. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

5.1 Il-Kunsillier C. Engerer ppropona li tiġi approvata l-iskeda tal-pagamenti minn ċekk

numru 10994 sa 11067. Il-Kunsillier B.Cali' ssekondah. Il-pagamenti ġew approvati bi qbil unanimu.

**6. Proposta ta'emenda rigward L.C.B. /59/2010**

Is-Sindku Nikki Dimech spejga kif hemm bżonn li issir emenda fil-bye-law imsemmija sabiex persuna tkun tista tiġi illinkjata mal-Web page tal-Kunsill. Il-Kunsill ser jgħid lill-avukat sabiex ikun jista jressaq din il-proposta. Kien hemm qbil unanimu rigward dan.

**7. Sitwazzjoni rigward progetti mill-fondi ta' EU**

Il-Kunsillier J. Galea spjega kif kellu laqgħa ma' l-Outlook fejn għarrfuh illi biex tapplika għall-proġett hemm sitt xhur xogħol xi jsir eżempju pjanti tal-proġett, permess mill-MEPA eċċ, Il-Kunsillier C. Engerer spejga li l-Kunsill irid jgħati prijorita fuq ċerti proġetti. Għalhekk ġie deċiż li il-Kunsilliera J. Galea u C. Engerer jibdew japplikaw għall-proġett ta' Gnien Indipendenza, web-cams u website. Filwaqt li l-proġett rigward il-playing fields napplikaw mill-fondi allokati mill-Gvern. Kien hemm qbil unanimu rigward dan.

**8. Affarijiet oħra**

Ma ġiex diskuss xejn aktar.

**9. Deċiżjoni dwar id-data tas-seduta tal-Kunsill li jmiss**

Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 21 t'April fil-5.30pm.

Is-seduta ntemmet fid-20.10pm.

**Nikki Dimech**
**Sindku**

**Althea Borg**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**